MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 646/2004

**Avviz numru 646/04DM**

**John Azzopardi**

**Vs**

**Charles Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm3347) rapprezentanti self brevi manu lilu u dan ai termini ta' skrittura privata datata 5 ta' Jannar, 2004, bejnu u bejn il-mittenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji u bl-imghax.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecceppixxa illi:

1 Id-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li bi skrittura privata tal-5 ta’ Jannar, 2004, iffirmata mill-partijiet (dok A) il-konvenut kien intrabat li jhallas lill-attur fi skadenzi ta’ Lm70 fix-xahar u jhallashom f’kont ‘savings’ f’isem il-konvenut u n-neputi taghhom Mario Azzopardi numru 40011953012 mal-Bank of Valletta.
2 Kif ser jirrizulta, l-eccipjent sal-lum iddepozita s-somma ta’ Lm601.64 fl-imsemmi kont u ghalhekk ma tilifx il-beneficcju tat-terminu.
3 Il-flus depozitati fuq imsemmija kienu u baqghu ghad-dispozizzjoni tal-attur li, ghaliex huwa persuna li jabita f’Malaga fi Spanja, kien halla lill-imsemmi neputi bhala prokuratur tieghu.
4 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-kumpless tal-provi, senjatament id-deposizzjoni ta’ l-istess konvenut, u kif jirrizulta wkoll minn-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tieghu, ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont li effettivament kien gie misluf mill-attur lil konvenuti. Infatti, l-kontendenti jaqblu illi l-iskrittura esebita a fol 11 tal-process immarkata bhala dokument A, tal-5 ta’ Jannar, 2004, hija vera kopja ta’ l-iskrittura li effettivament iffirmaw il-kontendenti flimkien ma Mario Azzopardi, l-prokuratur ta’ l-istess attur, fejn il-konvenut kien irrikonoxxa illi dak in-nhar tal-firma huwa kien debitur ta’l-attur, fis-somma ta’ tlett elef lira Sterlina (Stg 3,000) u elf u hames mitt lira Maltin (LM1,500) li huma ekwivalenti, kif jaqbel ukoll il-konvenut, ghas-somma ta’ tlett elef, tlett mija u sebgha u erbghin fi flus Maltin (LM3,347), kif mitlub fl-avviz mill-attur.

F’ din l-istess skrittura, il-kontendenti kienu wkoll stipulaw illi almenu sa fejn jirrigwarda l-ammont misluf f’liri Sterlini, l-konvenut debitur kellu jibbenefika minn terminu ghall-hlas u giet koncessa lilhu l-fakolta’ li jhallas lura id-dejn permezz ta’ pagamenti mensili, konsekuttivi ta’ sebghin lira l-wiehed b’ effett minn Marzu ta’ l-2004.

Ftehemu wkoll illi dawn il-pagamenti kellhom isiru billi l-konvenut jaghmel depositu f’ kont partikolari miftuh mal-Bank of Valletta bin-numru 40011953012 intestat f’ isem l-istess konvenut Charles Azzopardi u f’ isem in-neputi taghhom Mario Azzopardi bil-kondizzjoni illi l’ ebda wiehed minn dawn il-firmatarji ma seta’ jizbanka minghajr l-adezjoni ta’ l-iehor.

Jirrizulta wkoll illi l-kont bankarju indikat mill-kontendenti fl-iskrittura kien fil fatt infetah f’ Dicembru tas-sena 2002, u sal gurnata illi kienet giet iffirmata l-iskrittura tal-5 ta’ Jannar, 2004 kien diga sar depozitu, presumibilment da parti tal-konvenut, fis-somma komplessiva ta’ mija u wiehed u hamsin lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM 151.64c).

Pero’ billi dwar dan il-pagament ma kienet saret ebda riferenza fl-iskrittura ghandu jigi ntiz illi din is-somma kienet diga giet ikkalkolata meta l-kontendenti qablu fuq il-bilanc illi kien dovut fil-gurnata li ffirmaw l-iskrittura ta’l-5 ta’ Jannar, 2004.

Minn dan il-kont bankarju, bil-librett partikolari relattiv esebit a fol 31 tal-process, jirrizulta wkoll illi l-konvenut minnflok ghadda biex jaghmel id-depozitu ta’ sebghin lira Maltin (LM70) fix-xahar b’ effett minn Marzu ta’ l-2004, huwa kien ghamel depozitu wiehed biss fis-somma ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (LM450) fis-7 ta’ Jannar, 2004 illi kienet tirrapprezenta sitt pagamenti mensili oltre somma ohra ta’ tletin lira Maltin (LM30) u ghalhekk dan id-depositu kienet ikopri l-pagamenti mensili dovuti mill-konvenut sa’ Settembru 2004.

Dan il-metodu stramb ta’ kif il-kontendenti ftehemu li kellhom isiru l-pagamenti akkont huwa spjegat mill-fatt illi

l-kreditur attur, John Azzopardi, huwa residenti fl-esteru u mhux f’ Malta, u ried illi l-flus li kien qed irodd lura l-konvenut jibqghu f’ Malta biex ikunu ghad-disposizzjoni tieghu kull meta huwa jirritorna. Jirrizulta ukoll illi, ghalkemm kien hatar lil neputieh Mario Azzopardi bhala prokuratur tieghu, huwa ma xtaqx illi Mario Azzopardi jinghata l-fakolta’ li, kif u meta jrid, huwa jirtira mill-kont indikat xi ammont minghajr l-awtorizazzjoni specifika tieghu. Ghalhekk l-attur, minflok ghadda ghal xi procedura ohra partikolari biex jillimita l-prokura illi kien irrilaxxja lil neputieh Mario Azzopardi, ghazel bhala linea ta’ protezzjoni illi jpoggi lill-istess debitur, il-konvenut huh Charles Azzopardi, bhala firmatarju ta’ l-istess kont bankarju u evidentement bl-obbligu illi ma jhallix lil Mario Azzopardi jirtira xi flus mill-imsemmi kont jekk mhux bl-awtorizazzjoni espressa ta’ l-kreditu. Dan huwa l-istat ta’ fatt indikat mill-kumpless tal-provi prodotti mill-kontendenti.

Pero’ l-konvenut, kif irrizulta ampjament mill-provi, mhux biss ma tax l-adezjoni tieghu lil Mario Azzopardi biex dan seta jirtira flus mill-istess kont bankarju, anke meta awotrizzat espressament mill-attur biex jaghmel dan, izda lanqas ma halla illi l-attur, il-kreditur stess, jirtira l-flus li suppost gew depozitati akkont tad-dejn.

Infatti l-konvenut isosstni illi, anke meta huwa accertat bid-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur maghmula fix-xhieda tieghu tas-17 ta’ Novembru, 2005, illi Mario Azzopardi huwa l-prokuratur ta’l-attur u huwa awtorizzat li jigbed il-flus mill-kont, il-konvenut baqa’ jsosstni illi ma kienx ser jghati l-adezjoni tieghu biex Mario Azzopardi jirtira l-flus ghaliex huwa kien qed jissuspetta illi nonostante l-awtorizazzjoni Mario Azzopardi kien ser jigbed il-flus u jzommhom ghalieh. Huwa nfatti ddikjara illi kien lest illi ihalli li jingibed id-depozitu minnu maghmul jekk il-kreditur jibdel lil Mario Azzopardi bhala prokuratur ma’ ohtu Rita.

Dan kollhu pero’ ma jipprovdi ebda gustifikazzjoni lil konvenut u fl-ahhar mill-ahhar, dawn il-provi iwasslu biss ghal konkluzjoni wahda li l-konvenut Charles Azzopardi,

bl-opposizzjoni tieghu ghal Mario Azzopardi, ma halliex lil kreditur illi jircievi u jiehu a disposizzjoni tieghu is-somma illi huwa jippretendi li ghamel akkont ghall-kreditu minnu dovut.

Ghaldaqstant: -

Apparti l-interpellazzjonijiet li saru fil-konfront tal-konvenut u anke apparti mill-fatt illi l-kreditur effettivament ma’ rcieva ebda pagament minghand id-debitur tieghu il-konvenut, jirrizulta illi l-uniku pagament illi ghamel il-konvenut bhala depozitu akkont tal-kreditu, kien ikopri biss pagamenti mensili sa Settembru, 2004 kif jirrikonoxxi l-istess konvenut fid-deposizzjoni tieghu.

Konsegwentement jirrizulta illi il-konvenut, anke fil-kaz illi d-depositu ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (LM450) seta’ jitqies bhala pagament lill-attur, kien diga naqas li jaghmel zewg pagamenti mensili kif pattwiti, sakemm gie pprezentat l-avviz odjern fit-22 ta’ Novembru, 2004

Pero’ l-konvenut fid-deposizzjoni tieghu jirrikonoxxi li l-bilanc mitlub mill-attur huwa korrett u jsostni biss illi huwa m’ ghandux jigi meqjus li tilef il-beneficcju tat-terminu ghall-hlas.
Inoltre l-Qorti ssib illi bl-opposizzjoni tal-konvenut ghall-izbank tad-depositu minnu maghmul, il-konvenut ghandu jitqies illi m’ ghamel ebda pagament lill-attur skond kif pattwit fl-iskrittura ta’ bejniethom u b’hekk kiser ghal kollox il-ftehim raggunt ma’l-attur.

Konsegwentement issib li l-konvenut tilef il-beneficcju ta’ kull terminu lilu koncess ghall-hlas u l-kreditu ghandu jitqies li mmatura sa minn Gunju, 2004, meta l-attur kien interpella lil konvenut ghall-hlas ta’ l-ammont intier minnu dovut.

Ghall-dawn il-motivi, qeghdha tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut u filwaqt li tiddikjara illi l-konvenut tilef kull beneficcju tat-terminu lilu koncess ghall-hlas, tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta’ tlett elef, tlett mija u

sebgha u erbghin lira Maltin (LM3,347) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghax legali b' effett mit-22 ta' Novembru, 2004, u salv id-dritt ta' l-istess konvenut ghar-refuzjoni tas-somma ta' erba' mija u hamsin lira (LM450), minnu depozitata fil-kont bankarju bin-numru 40011953012 mal-Bank of Valletta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------